MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 27/2007

Il-Pulizija
Vs
Guzeppi Sciberras

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. nhar il-21 ta' Mejju, 2006, ghall-habta tat-8.30 a.m., gewwa fond Loufrance, Triq Prince Albert, Marsa (garage), li hi propjeta' ta' Louis Sammut, kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur, haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti, taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur tal-Avviz Legali 79/2006, Art. 4(e);
2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur, jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci

taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, w li ma gewx registrati mas-sezzjoni fiz-zmien stipulat fis-Subregolament (6) ta' dan ir-regolament, u dan bi ksur tal-Avviz Legali 749/2006, Art 21(5).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2007, li biha, wara li rat l-Avviz Legali 79/2006, Regolament 4(e) kif ukoll l-Avviz Legali 79/2006, Regolament 21(5), sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' erba mitt lira Maltin (LM400).
Inoltre l-Qorti ordnat ukoll konfiska tal-oggetti esebiti skond DOK SG5 prezentat fl-atti ta' din il-kawza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta' Jannar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu w, minghajr pregudizzju, fil-kaz li din il-Qorti tikonferma s-sentenza appellata, tirriforma l-piena ghal wahda aktar gusta w ekwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :
1. Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, irrizulta li hemm dubju serju fuq ta' min huma dawn l-ghasafar ibbalzmati. Ix-xhud Stanley Gatt xehed li l-ghasafar ibbalzmati huma propjeta' tal-appellant filwaqt li PC 220 xehed illi kienu propjeta' ta' ibnu Philip Sciberras;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ghasafar kollha li jifformaw mertu ta' l-akkuzi hawn fuq imsemmija huma kollha registrati ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u l-Ambjent. Din ir-registrazzjoni saret fl-2002 u 2003 minn Malcolm Azzopardi u George Faure u sussegwentement fl-2006 dawn l-individwi ttrasferew uhud minn dawn l-ghasafar registrati lill-appellant u dan kif kien iddikjara hu stess quddiem l-Ewwel Qorti u kif ikkonferma permezz taz-zewg dokumenti li pprezenta in sosten ta' dan;
3. Illi l-ewwel u t-tieni akkuza huma nulli w invalidi u dan minhabba l-fatt li l-istess ghasafar li l-prosekuzzjoni qed

tallega li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti huma, dawk l-ghasafar irregistrati ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u l-Ambjent. Illi ghalhekk ma jistax ikun li oggett huwa f'natura llegali meta huwa f'stat legali mis-sena 2002 jew 2003.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda ta' PC 220 Lawrence Cardona w tar-rapprezentant tal-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar, Stanley Gatt fl-udjenza tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda ta' PC Cardona w Stanley Gatt jirrizulta abbondantement illi l-appellant kien ammetta maghhom illi s-sitta w hamsin tajra li jinsabu elenkati fil-lista dokument SG5 kienu kollha tieghu.

Illi mill-verifiki li ghamel Stanley Gatt mad-"database" tal-Awtorita' irrizulta li dawn is-sitta w hamsin tajra ma kienux registrati f'isem l-appellant u ma kienux inkluzi mal-listi ta' tajr ibbalzmat li l-appellant kien irregistra mal-Awtorita'.

Illi l-aggravju tal-appellant li dawn it-tajr kienu registrati taht l-isem ta' Malcolm Azzopardi u George Faure huwa wiehed bazat fuq asserzjoni gratwita ghaliex l-la l-appellant innifsu ma xehdu dan u inqas u inqas ma gew prodotti bhala xhieda l-imsemmija Azzopardi u Faure biex jikkonfermaw li t-tajr li attwalment instab fid-dar tat-tifla tal-appellant gewwa l-fond "Loufrance", Triq Prince Albert, Marsa, kienu l-istess tajr li setghu kienu inkluzi fil-listi ta' tajr li dawn iz-zewg persuni kienu irregistraw mal-Awtorita'.

Fl-assenza ta' xi prova kontrarja, din il-Qorti m'ghandha ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita dwar il-veracita' tad-deposizzjonijiet ta' PC Cardona u Stanley Gatt. Fid-dawl ta' dawn iz-zewg deposizzjonijiet l-aggravji tal-

appellant jisfumaw fix-xejn u l-appell jirrezenta l-appell fieragh.

Konsegwentement din il-Qorti, bhal l-Ewwel Qorti, hija altru milli sodisfatta li t-tajr esebit li jidher fil-lista dokument SG5 kien jappartjeni lill-appellant u kien fil-pussess tieghu w li ma kienx registrat skond il-ligi bi ksur tar-regolamenti fuq imsemmija.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------